REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 364/2013

tat-22 ta' April 2013

li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 204/2011.

(2) Il-Kunsill jikkunsidra li m'għadx hemm raġunijiet għalfejn persuna għandha tibqa' fil-lista li tinsab fl-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011.

(3) L-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011 għandu jiġi aġġornat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011 għandu jiġi emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
C. ASHTON

[1] ĠU L 58, 3.3.2011, p. 1

ANNESS

L-entrata għall-persuna ta' hawn taħt għandha tiġi żżid mal-lista li tinsab fl-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 204/2011:

ASHKAL, Al-Barrani